DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR161709** **01.08.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jiftaħ uffiċjalment l-esebizzjoni dwar id-disinn tal-proġetti ta' tisbiħ tal-Foss tal-Belt Valletta, il-Pjazza tat-Tritoni, u l-Biskuttin***

Dalgħodu, l-*Ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura uffiċjalment wirja ta' disinji tal-proġetti ta' tisbiħ tal-Foss tal-Belt Valletta, il-Pjazza tat-Tritoni u l-Biskuttin.

F'diskors li għamel, l-*Ispeaker* feraħ lill-Gvern tad-deċiżjoni li ħa sabiex isebbaħ il-Foss tal-Belt Valletta, il-Pjazza tat-Tritoni u l-Biskuttin. Dawn il-proġetti jikkumplimentaw sensiela ta' proġetti oħra marbuta mad-daħla tal-Belt Valletta, fosthom dawk tat-Teatru Rjal u l-bini tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta. Huwa qal meta dawn il-proġetti jitwettqu, il-poplu Malti se jingħatalu lura l-ġmiel u l-espressjoni artistika ta' opri tal-arti tassew uniċi; fost dawk irrestawrati se jkun hemm il-Monument ta' Kristu Re tal-iskultur ta' fama dinjija Antonio Sciortino, u l-Funtana tat-Tritoni tal-iskultur Victor Apap, kif ukoll l-ispazji ta' madwarhom għall-mistrieħ u rikreazzjoni. Dawn il-proġetti huma parti minn sensiela ta' proġetti li l-Gvern Malti wettaq matul is-snin sabiex itejjeb id-dehra tal-Belt Valletta, meqjusa mill-UNESCO bħala parti mill-patrimonju u wirt dinji.

L-*Ispeaker* faħħar ix-xogħol sabiħ li sar fil-Fortizza ta' Sant' Iermu u b'mod partikolari lil Heritage Malta għat-tmexxija professjonali tal-post. Hu stieden lil Heritage Malta tagħmel l-istess fir-rigward tal-Forti Sant' Anġlu u tirripetti l-istess xogħlijiet kbar ta' tiswija u restawr li tant jixierqu lill-Fortizza ta' Ricassoli ġewwa l-Kalkara, kif ukoll partijiet mis-sistema ta' swar fil-Kottonera.

L-*Ispeaker* qal li jqis dawn ix-xogħlijiet u oħrajn bħala valur miżjud, kemm mil-lat ekonomiku, kif ukoll fil-ħidma tal-poplu Malti li jindokra l-patrimonju nazzjonali u l-memorja kollettiva tiegħu. Huwa feraħ lit-tekniċi u l-ħaddiema kollha involuti f'dawn il-proġetti u awgura li fil-ġejjieni qrib nerġgħu niltaqgħu sabiex nifirħu bit-twettiq ta' dawn il-proġetti ta' fejda li ser ikomplu jsebbħu lil pajjiżna li lkoll tant inħobbu, filwaqt li fakkar bin-neċċessità illi l-proġett relatat mal-arkivji storiċi tal-Parlament għandu jitwettaq fl-istess żmien tax-xogħlijiet ta' tisbiħ fil-belt kapitali, peress li din hija meħtieġa għall-fatt illi żdied l-interess tar-riċerkaturi f'dawn l-arkivji, inkluż interess mill-poplu inġenerali.

L-*Ispeaker* temm id-diskors tiegħu billi ddeskriva dawn il-proġetti li jsebbħu l-patrimonju ta' pajjiżna bħala ħolqa li tgħaqqad l-imgħoddi mal-preżent u l-ġejjieni, jiġifieri fejn nixtiequ mmorru—lejn futur fis-sliem u progress ma' popli oħra.

Għall-ftuħ uffiċjali ta' din il-wirja attendew il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura Joe Mizzi, iċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir Stefan Zrinzo Azzopardi, u diversi uffiċjali oħra.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt